MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 14/2003/1

**George Xuereb**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta' George Xuereb li permezz tieghu ppremetta:

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena 1997, l-esponent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja (Awla 11 – Magistrat Dottor

Anthony Micallef Trigona) b'diversi reati fosthom attentat ta' qtil u attentat ta' serq aggravat u b'reati ohra konnessi;

Illi fl-ewwel sitt xhur ta' dan il-process, l-intimati bdew iressqu diversi provi b'mod konsistenti u regolari;

Illi wara dan l-imsemmi perjodu nizjali ta' sitt xhur pero' u cioe' ghal habta ta' wara x-xahar ta' Mejju tas-sena 1998, l-istess intimati waqfu milli jissoktaw fil-produzzjoni ta' provi sinifikanti ulterjuri billi fis-seduti li kienu qed jinzammu bejn wiehed u iehor kull sitt gimghat, bdew iressqu biss xi xhud jew tnejn pero' ta' rilevanza dubbjuza jew addirittura ma jressqu ebda prova ta' xejn u l-process beda jigi rinvjat lura lill-intimat Avukat Generali minghajr ma jkun sar xejn;

Illi fil-fatt ghandu jirrizulta mill-process in kwistjoni li dan il-generu ta' rinviji u seduti nutili u bla ebda sinifikat legali u fattwali issa ilu ghaddej ormai sa minn Mejju 1998 sal-gurnata tal-lum;

Illi ghalhekk, l-esponent ilu aktar minn hames snin tiela' u niezel il-Qorti minghajr qatt ma jsir prattikament xejn fil-kaz tieghu;

Ili mill-process jirizulta wkoll li l-esponent ma kien responsabbli ghal ebda rinviju fejn ma sar xejn – jew kien ikun tort ta' wiehed u/jew l-iehor miz-zewg intimati;

Illi tali dewmien zejjed u bla bzonn li tassew ma jistghax jitqies ragjonevoli oltre li qed iservi ta' pregudizzju ghall-esponent, jammonta wkoll ghal ksur u vjolazzjoni tad-drittijiet Kostituzzjonali tal-esponent stante li certament ma jistghax jitqies li qed issir gustizzja fi zmien ragjonevoli;

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubbju li tassew m'hux qed issir gustizzja mal-esponent fi zmien ragjonevoli kif hemm stipulat fil-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 39) u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 6 u kontenuta fl-iskeda tal-Att nru. XIV tas-sena 1987 – Kap. 319);

Illi dan id-dewmien kien u ghadu jservi ta’ pregudizzju serjissimu ghall-esponent partikolarment meta tqis iili wara dan iz-zmien kollu huwa ghadu ma jafx jekk fil-fatt huwiex sejjer jispicca bi process kriminali o meno kontra tieghu – haga li hija disturbanti ferm ghall-esponent jekk mhux addirittura kunsiderabbli wkoll bhala trattament inuman minhabba l-pressjoni psikologika negattiva li tali dewmien zejjed bla sens qed jinfliggi fuq l-esponent;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa takkordalu dawk ir-rimedji kollha spettanti lilu skond il-ligi fosthom is-segwenti u cioe’:-

1. Tiddikjara li fil-process gudizzjarju hawn fuq indikat gew lezi d-drittijiet fondamentali tieghu billi mhux qed jinghata smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

2. Tordna li jieqaf minnufih l-imsemmi process gudizzjarju kontra l-esponent (Bhala Kumpilazzjoni ta’ Provi) u kwindi jinhargu jekk ikun il-kaz l-Artikoli tal-ligi jew l-Att ta’ l-Akkuza fuq il-provi gia migbura sad-data ta’ l-ahhar rinviju li sehh qabel l-intavolar tal-odjern rikors Kostituzzjonali;

3. Tordna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrent dak il-kumpens pekunjarju li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Okkorrendo taghti kull provvediment u/jew rimedju iehor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Rat **ir-risposta ta’ l-Avukat Generali** a fol. 8 tal-process fejn irrisponda :

Illi fl-ewwel lok ir-rikorrent akkuzat ghandu rimedju ordinarju li missu ghamel uzu minnu qabel ma rrikorra quddiem din l-Onorabbli Qorti. Dan ir-rimedju ezercitabbli quddiem il-Qorti Kriminali, tista’ eventwalment tiddeciedi li

d-dewmien fil-process ta' l-akkuza kontra r-rkorrent ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta tigi biex tistabbilixxi l-piena.

Illi noltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent m'ghandu ebda dritt taht il-ligi li jitlob illi l-kumpilazzjoni tal-provi kontra tieghu ghandha tieqaf. Inoltre, jista' jkun il-kaz li jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu tkun qed taqta' barra mill-kumpilazzjoni xhieda mportanti, bhalma huwa bla dubju espert tal-Qorti, li jistghu wkoll ikunu determinanti ghas-sejba ta' htija min-naha ta' l-akkuzat.

Illi jekk huwa minnu li r-rikorrent qatt ma kien responsabbli ta' rinviji daqstant iehor il-Prosekuzzjoni qatt ma kienet volutament responsabbli ghal dan.

Illi l-process ha fit-tul mhux ghax beda jigi rinvjat lill-Avukat Generali izda peress li l-espert tal-Qorti ma bediex jitla' ghas-seduti ta' kumpilazzjoni tal-provi. Inoltre, x-xhieda li tressqu mill-Pulizija, li kuntrarjament ghal dak li jallega r-rikors promotur m'humiex intimati f'din il-kawza, kienu ta' mportanza ghall-prosekuzzjoni, u Alla jhares li l-Prosekuzzjoni jkollha toqghod fuq il-gudizzju ta' l-akkuzat dwar xi provi jmissha jew ma jmisshiex tissottometti.

Illi ghalhekk m'huwiex minnu li fil-kaz odjern kien hemm dewmien li ma kienx ragjonevolment gustifikament mic-cirkostanzi partikolari ta' l-istess kaz. Is-sitwazzjoni problematika li jinsab fiha r-rikorrent ma jahtix ghaliha l-esponent izda pjuttost l-istess rikorrent, talli kkomporta ruhu b'mod tali li kien jinnecesita nvestigazzjoni gudizzjarja ta' l-eghmil tieghu. Inoltre huwa ironikament l-istess rikorrent li prezentement qieghed jittanta xortih permezz ta' dan ir-rikors Kostituzzjonali u qed jirrendi ruhu hati ta' dewmien u jiddissipa l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti u ta' l-esponent.

Illi ghalhekk ma jissussisti l-ebda ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet attrici u tordna li x-xhieda kontra r-rikorrent ghandha tkompli tinstema'.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti allegati tal-kumpilazzjoni kontra George Xuereb;

Rat in-nota a fol 19;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Ir-rikorrent issottometta li wara li tressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-1997, fil-perjodu nizjali ta' sitt xhur, il-prosekuzzjoni bdiet tressaq diversi provi b'mod konsistenti u regolari, imbaghad ghal habta ta' wara x-xahar ta' Mejju tas-sena 1998, l-istess prosekuzzjoni waqfet milli tissokta bil-produzzjoni ta' provi sinifikanti ulterjuri billi fis-seduti li kienu qed jinzammu bejn wiehed u iehor kull sitt gimghat, bdew jitressqu biss xi xhud jew tnejn pero' ta' rilevanza dubbjuza jew addirittura ma jressqu ebda prova ta' xejn u l-process beda jigi rinvjat lura lill-intimat Avukat Generali minghajr ma jkun sar xejn. Skond ir-rikorrent ghandu jirrizulta mill-process li dan il-generu ta' rinviji u seduti nutili u bla ebda sinifikat legali u fattwali ilu ghaddej ormai sa minn Mejju 1998 sal-gurnata tal-lum.

L-intimati irritjenu li l-process ha fit-tul mhux ghax beda jigi rinvjat lill-Avukat Generali izda peress li l-espert tal-Qorti ma bediex jitla' ghas-seduti ta' kumpilazzjoni tal-provi. Inoltre, x-xhieda li tressqu mill-Pulizija kienu ta' mportanza ghall-prosekuzzjoni. Illi ghalhekk m'huwiex minnu li fil-kaz odjern kien hemm dewmien li ma kienx ragjonevolment gustifikament mic-cirkostanzi partikolari ta' l-istess kaz.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Rimedji ordinarji

Illi l-intimat issottometta li fl-ewwel lok ir-rikorrent akkuzat ghandu rimedju ordinarju li missu ghamel uzu minnu qabel ma rrikorra quddiem din l-Onorabbli Qorti. Dan ir-rimedju ezercitabbli quddiem il-Qorti Kriminali, tista' eventwalment tiddeciedi li d-dewmien fil-process ta' l-akkuza kontra r-rkorrent ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta tigi biex tistabbilixxi l-piena.

Il-Qorti tirrileva li r-rikorrent huwa ntitolat ghall smigh xieraq fi zmien ragjonevoli mhux biss wara li jigi definittivament deciz il-process kontra tieghu izda f'kull-istadji tal-proceduri cjoe anke meta r-rikorrent akkuzat ghadu ghaddej kumpilazzjoni, jekk jirrizulta li hemm diga dewmien esagerat f'dak l-istadju.

Fil-kaz fejn il-proceduri ghadhom ma spiccawx, jista' jitressaq ilment kostituzzjonali *"if it is alleged that there has already been unreasonable delay*". F'dan il-kaz ir-rikorrent qed jilmenta li f'dan l-istadju meta l-kumpilazzjoni ghadha lanqas biss giet konkjuza, wara tmien snin, diga hemm dewmien esagerat.

### Dewmien esagerat

Illi skond il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' ilment dwar dewmien irragjonevoli fi proceduri gudizzjarji ghandhom jittiehdu dawn il-konsiderazzjonijiet generali.

*According to Article 6 (1) of the European Convention on Human Rights, the length of proceedings is to be assessed in the light of the particular circumstances of the case, regard being had to three heads: the complexity of the case, the conduct of the applicant; and the conduct of the authorities. ( Zimmerman and Steiner v Switzerland judgment 13 July 1983). No particular factor is*

*conclusive; the approach must be to examine them separately and then to assess their cumulative effect.*

Imbaghad fil-kaz ta’ proceduri kriminali l-kriterji imsemmija ghandhom jigu ezaminati b’aktar reqqa u l-proceduri segwiti b’aktar speditezza. Infatti jinghad li “*Criminal proceedings will generally be expected to be pursued more expeditiously than civil*”.

Kwantu ghall perjodu li jrid jittiehed in konsiderazzjoni, dan ivarja skond jekk il-proceduri humiex ta’ natura civili jew kriminali. Fil-kaz ta’ proceduri kriminali dawn jibdew “*from the moment that a formal charge is brought against the applicant. The proceedings end when the charges are finally determined or the sentence imposed becomes final*”.

Fil-kaz in ezami xehed l-Spettur Carmelo Magri, wiehed mill-Ufficjali Prosekuturi, u qal li l-kumpilazzjoni bdiet fil-1997 u l-prosekuzzjoni ghad fadallha tressaq xi xhieda ohra, uhud minnhom li ghadhom ma jistghux jigu rintraccjati. Hu qal li l-ahhar xhud tela’ ghal habta ta’ Ottubru, 1999 u li kien hemm ghaddejjin proceduri quddiem il-Qorti Kriminali kontra zewg persuni ohra li kienu implikati f’dan il-kaz u li issa gew decizi. L-atti ta’ dawn il-proceduri gew ezibiti fil-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent akkuzat. Ix-xhud semma wkoll li huma rrinunzjaw ghal xi ittri rogatorjali ghal xi xhieda barranin u li l-espert tas-swaba qed isib diffikulta biex jespleta l-inkarigu lilu moghti. Barra minn hekk hemm ukoll xi dokumenti neqsin.

Il-Qorti ezaminat in-nota prezentata mir-rikorrent a fol 19 u ezaminat il-process kollu bid-dokumenti ezibiti u rrizultala li mill-provi akkwiziti u anke minn dak ammess mir-rikorrent, li fl-ewwel sitt xhur il-prosekuzzjoni ressqet diversi provi b’mod konsistenti u regolari. Imbaghad lejn il-bidu tas-sena 1999 ir-ritmu tal-prezentata tal-provi da parti tal-prosekuzzjoni naqas konsiderevolment u fil-perjodu fejn l-20 ta’ Jannar 2000 u 9 ta’ Jannar 2002 saru kwantita ta’ rinviji li fiihom ma sar assolutament xejn. Wara dan il-waqfien ta’ sentejn regghu bdew jinstemghu xi xhieda

izda nstemghu biss sitt xhieda f'perjodu iehor ta' sentejn. Fl-ahhar seduta li nzammet f'dina l-kumpilazzjoni fl-20 ta' Jannar 2005 il-Magistrat li qed jisma l-kumpilazzjoni ivverbalizza b'mod ezasperat li "bhal ma gara eluf ta' drabi ohra x-xhieda mhux prezenti".

Il-Qorti ghalhekk tista tghid li zgur fil-perjodu ta' sentejn shah (20 ta' Jannar 2000 u 9 ta' Jannar 2002) ma sar xejn u ghalhekk kien hemm dewmien. Il-Qorti trid tara jekk dan huwiex dewmien irragjonevoli. L-intimati qed jissottometti li ghalkemm kien hemm dan id-dewmien pero' dan kien gustifikat u ma kienx jiddependi minnu.

Biex tara jekk kienx hemm dewmien esagerat il-Qorti trid tezamina l-kriterji aktar fuq imsemmija fil-konfront tac-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz.

**Complexity of the case**

Taht dan il-kriterju l-Qorti trid tikkonsidra li "*All aspects of the case may be relevant to the assessment of complexity of the proceedings, including the subject-matter, whether there are disputed facts, number of accused, international elements, number of witnesses, or volume of written evidence*.

*The length of proceedings by itself is only part of the story. A great deal depends on the number of stages in involved in the case ( preliminary investigation, trial court, appeal court) and the impact of the relevant factors. Although the Court had been prepared to tolerate some proven instances of delay provided that the overall length of the proceedings is not clearly excessive given the number of stages of proceedings in the case.*

L-intimat issottometta li f'dan il-kaz kien mehtieg li jingiebu dokumenti li kienu ezibiti quddiem Qorti ohra fejn kienu qed jinstemghu proceduri ohra fuq l-istess mertu izda fil-konfront ta' persuni differenti u kienu qed isibu diffikulta biex igibu dawn id-dokumenti. Inoltre kien hemm diffikulta biex jinstab espert tas-swaba u meta gie nominat wiehed, dan, wara xi zmien, irrinunzja ghall inkargu u kellu jigi

nominat espert iehor li wkoll beda jsib diffikulta biex jespleta l-inkarigu tieghu.

Il-Qorti Ewropeja fuq dewmien ta' dan it-tip kienet iddecidiet li "*whereas it may be sensible to hear cases against two or more accused persons together, this cannot " justify substantial delay" in the bringing of a case against any one of them*" (Hentrick vs France (1994) Kemmache vs France (1991). "*A fair balance has to be struck between the principle that judicial proceedings should be expeditious and the more general principle of the proper administration of justice* (Boddaert v Belgium 1992).

Fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li l-akkuzi li hemm kontra r-rikorrent akkuzat – attentat ta' qtil, serq aggravat u reati ohra konnessi – huma akkuzi serji, kif ukoll kien hemm numru ta' xhieda li kellhom jinstemghu u dokumenti x'jigu prezentati, izda jibqa l-fatt li l-maggor parti tal-provi tressqu fl-ewwel sentejn imbaghad l-proceduri waqfu u ma beda jsir xejn u r-rikorrent beda jilmenta bid-dewmien.

Il-Qorti inoltre trid tezamina jekk *the overall length of the proceedings is not clearly excessive given the number of stages of proceedings in the case*. F'dan il-kaz il-proceduri s'issa ghadhom fi stadju ta' kumpilazzjoni, u ghad jonqos li dawn jigu konkjuzi, imbaghad ir-rikorrent irid ighaddi guri, u jekk ikun il-kaz jista jkun hemm appell. Illi ghalhekk jidher car li anke f'dan l-istadju l-proceduri diga twalu zzejjed.

**Conduct of the applicant**

L-intimat qed jirritjeni li s-sitwazzjoni problematika li jinsab fiha r-rikorrent ma jahtix ghaliha l-intimat izda pjuttost l-istess rikorrent, talli kkomporta ruhu b'mod tali li kien jinnecesita nvestigazzjoni gudizzjarja ta' l-eghmil tieghu. Inoltre huwa ironikament l-istess rikorrent li prezentement qieghed jittanta xortih permezz ta' dan ir-rikors Kostituzzjonali u qed jirrendi ruhu hati ta' dewmien u jiddissipa l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti u ta' l-intimat.

Kif gie deciz diversi drabi mill-Qorti Ewropeja "*An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence*". Inoltre "*an accused person may not be required to co-operate actively in expediting the proceedings which lead to his own conviction". "A party to proceedings can also not be blamed for making use of his right to bring an appeal*" Eckle A.51 (1982).

Fil-kaz in ezami r-rikorrent gibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Magistrati diversi drabi dwar id-dewmien esagerat u li hu kien bi hsiebu jittenta azzjoni kostituzzjonali li fil-fatt huwa ressaq stante li l-proceduri fil-kumpilazzjoni baqghu l-istess, cjoe weqfin jew mexjin bil-mod esagerat. Ghalhekk kull ma ghamel ir-rikorrent kien li uza mir-rimedji li taghtih il-ligi biex jipprotegi d-drittijiet tieghu.

**Conduct of the judicial authorities.**

*Domestic courts are under a duty to deal properly with the cases before them. Excuses as regards backlog or administrative difficulties are not accepted since states are under an obligation to organize their judicial systems in such a way that their courts can meet the Convention's requirements*. Fil-kaz in ezami dina l-Qorti tirravisa li kien hemm ukoll diversi differiment fejn ma sar xejn billi l-Qorti kienet okkupata b'xoghol iehor jew l-Magistrat kien okkupat Ghawdex jew il-Magistrat kien indispost. Id-dritt fondamentali ta' individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha b'mod xieraq u li din tigi deciza fi zmien ragjonevoli necessarjament timponi fuq l-istat id-dover li jassigura l-esistenza u zamm ta' sistema efficjenti ta' amministrazzjoni ta' gustizzja.

Konkluzzjoni

Ghalhekk Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u mill ezami tal-process, tikkonkludi li kien hemm dewmien esagerat fis-smigh tal-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent .

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara li fil-process gudizzjarju hawn fuq indikat gew lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi mhux qed jinghata smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u dana bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Tiddeciedi li mhux il-kaz li tintlaqa t-tieni talba;

Tordna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) bhala kumpens pekunjarju;

Tordna finalment lill intimat biex kemm jista jkun malajr johrog jekk ikun il-kaz l-Artikoli tal-ligi jew l-Att ta’ l-Akkuza kontra r-rikorrent akkuzat;

Spejjez ghall intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------